KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa imlaqqa' b'Urġenza Nru. 26 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2013 fit-8.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit-8.15 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 8.00p.m. | 9.30p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 8.00p.m | 9.30p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | Skużat | xogħol |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 8.00p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | skużat | xogħol |
| Kunsillier Kirby Fenech | skużata | indisposta |
| Kunsillier James Cassar | skużat | xogħol |
| Kunsillier Keith Cassar | 8.00p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 8.00p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.15pm | 9.30p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-Laqgħa ġie approvat unanimament sabiex issir sospensjoni tar-regolamant sabiex isir it-tberik tal-uffiċini tal-Kunsill mill-Arċipriet ir-Reverendu Albert Buhagiar.

**1.00 Aġġudikazzjoni ta' Offerti**

- **ARK 43/13 – *Internal Doors For* Ta' Bistra**

Gie ppreżentat ir-rapport tal-evalwazjoni u tekniku. Il-Kunsill qabel unanimament li japprova r-rakkomandazjoni ta' dan ir-rapport u qabel li din l-Offerta tingħata lis-Sur Ray Cuschieri.

- **ARK 49/13 – *Excavation Works and Resurfacing at* Ta' Bistra**

Sar qbil unanimu li din l-Offerta tingħata lil Dimbros Ltd kif kien irrakkomandat mill-Kumitat Tekniku li evalwa din is-sejħa għall-Offerti.

- **ARK 50/13 – *Imprinted Concrete at* Ta' Bistra**

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-Offerta tingħata lill-irħas offerta li kienet daħlet mingħand Schembri Bros skont kif kien irrakkomandat mill-kumitat tal-evalwazjoni.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.00 Attivita' konġunta bejn l-Kunsill Lokali u Mosta Nursery għall-First National Youth Tournament**

Inqrat imejl tas-Sur Simon Henwood, amministratur tal-Mosta FC Youth Nursery tal-31ta' Lulju 2013 fejn saret stedina sabiex il-Kunsill Lokali Mosta jipparteċipa fl-ewwel Youth Football Pre-Season Tournament.Wara li saret diskussjoni fuq is-suġġett, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jaċċetta din l-istedina u l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita' sportiva w sar qbil li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-spejjeż tar-*referees* sabiex isiru l-logħbiet li fihom għandhom jipparteċipaw timijiet mill-Mosta, Balzan, Valletta, Qormi u B'Kara.

**3.00 Aġġornament**

3.01 Fuq talba tar-RISE Foundation, il-Kunsill qabel unanimament li din il-fondazzjoni tingħata permess sabiex issir attivita' fil-wesgħa ta' Gnien L-Għarusa tal-Mosta bil-kundizzjoni li jinfurmaw ukoll lill-MCAST u l-awtoritajiet tal-Pulizija.

3.02 Gie kkjarifikat li l-Kumitat tal-Kultura għandu janalizza u jivverifika n-nominazjonijiet għall-Għoti ta' Gieħ il-Mosta. Id-deċiżjoni ta' lil min għandu jingħata dan il-Gieħ għandu jitħalla f'idejn il-Kunsill. Sar qbil ukoll li l-Kunsilliera kellhom dritt jipproponu lil min fl-opinjoni tagħhom għandu jingħata dan il-Gieħ mingħajr il-bżonn ta' sekondanti.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u aġġornat għal-laqgħa oħra li għandha ssir il-Ħamis, 29 ta' Awwissu, 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija.

*Dott Shirley Farrugia*
*Sindku*

*John J. Camilleri*
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*